V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10561 — CINTRA / ABERTIS / ITINERE / BIP & DRIVE)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 17/08)

1. Fl-10 ta' Jannar 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Cintra Infraestructuras España, S.L. ("Cintra", Spanja), li tappartjeni għall-Ferrovial Group (Spanja),

— Abertis Autopistas España, S.A. ("Abertis", Spanja), ikkontrollata minn Atlantia S.p.A ("Atlantia", l-Italja) u Actividad de Construcción y Servicios, S.A. ("ACS", Spanja),

— Itínere Infraestructuras ("Itínere", Spanja), ikkontrollata mill-Group APG ("APG", in-Netherlands),

— Bip & Drive E.D.E. S.A. ("Bip & Drive", Spanja).

Cintra, Abertis u Itínere se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Bip & Drive.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

L-istess konċentrazzjoni diġà kienet ġiet innotifikata lill-Kummissjoni fis-7 ta' Ottubru 2022, iżda l-avviż ġie sussegwentement irtirat fis-26 ta' Ottubru 2022.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Cintra hija attiva fil-kostruzzjoni, it-titjib, il-manutenzjoni u l-ġestjoni tat-toroq u tal-awtostradi u ġġestixxi l-konċessjonijiet tat-toroq b'pedaġġ fi Spanja. Din tappartjeni għall-Ferrovial Group, grupp diversifikat li jopera internazzjonalment fil-kostruzzjoni, fil-konċessjonijiet infrastrutturali, fit-telekomunikazzjonijiet u fis-servizzi. Il-grupp ta' kumpaniji Cintra, immexxi minn Cintra, huwa s-sussidjarju ta' żviluppaturi tal-infrastruttura tat-trasport ta' Ferrovial,

— Abertis tappartjeni għall-Abertis Group li jiġġestixxi l-infrastruttura tal-mobilità u tat-telekomunikazzjonijiet madwar id-dinja kollha. Fl-UE, Abertis hija attiva l-aktar fi Spanja u Franza, u sa ċertu punt, fl-Italja. Abertis hija kkontrollata bi sħab minn Atlantia u ACS. Fl-Ewropa, Atlantia tiġġestixxi l-awtostradi (Spanja u l-Portugall) u l-ajruporti (l-Italja u Franza) b'konċessjoni u toffri servizzi ta' mobilità. ACS twettaq attivitajiet ta' kostruzzjoni, konċessjonijiet u servizzi u hija attiva fl-Ewropa, fl-Amerka u fl-Asja,

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

— Itínere tiġġestixxi l-konċessjonijiet tal-awtostradi fi Spanja. Hija kkontrollata minn APG, kumpanija Olandiza ta' investiment tal-pensjoni li tinvesti, fost oħrajn, fl-enerġija u l-utilità, it-telekomunikazzjonijiet u f'assi tal-infrastruttura tat-trasport,

— Bip & Drive hija distributur ta' apparat elettroniku għall-ħlas ta' pedaġġ għall-awtostradi Spanjoli, speċjalment tagħmir abbord.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10561 — CINTRA / ABERTIS / ITINERE / BIP & DRIVE

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË